# FIL-QORTI ĊIVILI

# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF

## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn, 16 ta' Ġunju, 2025

**Kawża Nru. 5**

**Rik. Nru. 7/2024 ISB**

**Donald Cassar (K.I. 374175M), Michael Cassar (K.I. 116178M), Andrew Fava (K.I. 332764M), Maria Goretti Fava (K.I. 589452M), Mario Fava (K.I. 94559M), Michaeles Fava (K.I. 524285M) u Rosemarie Fava (K.I. 399584M)**

**vs**

**Reġistratur tal-Kumpanniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Donald Cassar et** tal-24 ta' Jannar 2024 u li permezz tiegħu huma talbu lill-Qorti sabiex:-

1. *Illi s-socjeta' Fuxja Company Ltd bin-numru tar-registrazzjoni C7541 terga' titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpaniji;*
2. *Illi dan sabiex l-istess socjeta' Fuxja Company Limited tkun tista' validament tiddisponi mill-propjeta' tal-istess socjeta' li ma gewx inkluzi fil-likwidazzjoni taghha;*
3. *Illi gjaladarba s-socjeta' Fuxja Company Limited tkun validament iddisponiet mill-propjeta' de quo l-istess socjeta' tkun tista' tigi illikwidata*

U dan wara li ppremettew:

1. *Illi r-rikorrenti huma azzjonisti fis-socjeta' Fuxja Company Ltd bin-numru tar-registrazzjoni C7541 u dan kif jidher fid-dokument hawn anness bhala Dok. A;*

2. *Illi wiehed mill-azzjonisti, ossia' Nicholas Fava detentur tal-karta tal-identita' 151160M kien gie nieqes fl-10 ta' Novembru 2016 u dan skond ic-certifikat tal-mewt hawn anness bhala Dok.B;*

3. *Illi l-ishma li kellu d-defunt Nicholas Fava fis-socjeta hawn fuq imsemmija kienu ddevolvew fuq uliedu u dan skond it-testment maghmul fl-atti tan-Nutar Sandra Bugeja fis-7 ta' Ottubru 2003 hawn anness u mmarkat bhala Dok. C;*

4. *Illi fis-27 ta' April 2023, ir-rikorrenti ircevew ittra minghand il-Malta Business Registry hawn anness u mmarkat bhala Dok. D fejn gew infurmati li a tenur tal-artikolu 325 (2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta, s-socjeta' Fuxja Company Ltd kienet ser titnehha minn fuq ir-Registru tal-Kumpaniji ta' Malta;*

5. *Illi f'risposta mibghuta lill-Malta Business Registry hawn anness u mmarkat bhala Dok. E., liema risposta waslet ghand l-istess Malta Business Registry fit-22 ta' Gunju 2023, Mario Fava bhala Segretarju tas-socjeta Fuxja Company Ltd wiegeb li kien qieghed isir updating tar-records tal-istess socjeta' u dan bl-iskop li din tigi illikwidata;*

6. *Illi minkejja li a tenur tal-artikolu 325 (2) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta ir-Registratur ma rcieviex tali twegiba fi żmien xahar minn meta baghat din l-ittra, intwerew ragunijiet bizzejjed biex ir-Registratur ma jipprocedix bit-thassir tas-socjeta' minn fuq ir-*

*Registru, u dan fit-terminu stabbilit mill-istess artikolu, cioe' dak ta' żmien eghluq tliet xhur;*

7. *Illi nonistante dan, kif jirrizulta minn estratt mill-website tar-Registratur intimat, hawn anness bhala Dok F., is-socjeta' Fuxja Company Ltd giet imnehhija minn fug ir-Registru tal-Kumpaniji ta' Malta;*

8. *Illi ai termini tal-artikolu 325 (4) tal-Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta ghadhom m'ghaddewx hames snin minn meta din is-socjeta thassret minn fuq ir-Registru;*

9. *Illi is-socjeta' Fuxja Compnay Limited thassret minn fuq ir-Registru tal-Kumpanniji u r-rikorrenti ihossuhom aggravati b'tali thassir u ghandom kull interess illi l-istess socjetà terga titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpanniji;*

10. *Illi rrizulta li s-socjeta' Fuxja Company Ltd hi I-propjetarja ta propjeta' immobbli li ma gietx inkluzi fil-likwidazzjoni konsistenti f'propjeta' gewwa Hal Luqa fil-kontrada maghrufa bhala Wied il-Knejjes immlaqma Wied il-Geddies u li ghandha access minn Sqaq numru 4 gewwa Carmel Street, Hal Luqa;*

11. *Illi r-rikorrenti bhala unici azzjonisti fis-socjeta Fuxja Company Ltd ghandhom kull interess li s-socjeta Fuxya Company Limited terga titpogga fuq ir-Registru tas-Kumpaniji sabiex l-istess socjeta tkun tista validament tiddisponi minn din il-propjeta';*

12. *Illi jekk is-socjeta mhux ser titpogga fuq ir-Registru tal-Kumpaniji huma bhala l-unici beneficial owners tas-socjeta ser jigu privati mill-propjeta' u t-tgawdija taghha jew mir-rikavat mill-bejgh tal-istess u sejrin isofru danni irreparabbli billi l-assi tal-istess socjetà sejrin jiddevolvu f'idejn il-Gvern ta Malta;*

13. *Illi b'hekk jezistu r-rekwiziti kollha kkontemplati fl-artikolu 325 (4) tal-Kap.386 tal-ligijiet ta' Malta sabiex socjeta' li tkun giet struck off terga' titqieghed fuq ir-Registru tal-Kumpaniji.*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 13)

Rat **id-digriet** tagħha tal-31 ta' Jannar 2024 u li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tal-1 ta' Marzu 2024 fid-9:30 a.m.;

Rat illi fis-27 ta' Frar 2024, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 18) bid-dokument hemmhekk annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Fuxya Company Limited (C 7541) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fit-18 ta' Lulju 1985;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Registru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-aħħar prospett annwali sottomess kien dak relatat mas-sena 2016 filwaqt illi l-l-aħħar kont annwali illi ġie sottomess kien dak tas-sena 2008;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponenti Reġistratur tissoponi illi il-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpanija u lill-uffiċjal tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija kif ukoll lid-direttur (annessi u mmarkati bħala Dok. '**A**', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur), fl-indirizz 50, Birbixkilla Street, Tarxien TXN 2200, Malta, datati t-22 ta' Marzu 2023;*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra lill-kumpanija u l-istess direttur fl-istess indirizz, fis- 27 ta' April 2023;*

*Illi f'dawn l-ittri il- kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir ta' l-isem tal-kumpanija;*

*Illi fis-27 ta' April 2023, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi nhar it-22 ta' Ġunju 2023, ir-Reġistratur irċeviet ittra mingħand is-segretarju tal-kumpanija illi fiha jgħid illi l-kumpanija qegħda fil-proċess illi taġġorna d-dokumentazzjoni pendenti. Illi madanakollu, sa xahar wara din l-ittra, il-kumpanija naqset għal darb oħra milli tissottometti d-dokumenti biex ir-Reġistratur tkun f'posizzjoni li twaqqaf id-defunct procedure;*

> *Għaldaqstant, minħabba l-fatt illi r-Reġistatur baqgħat ma rċevitx id-dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija, fit-2 ta' Awwissu 2023, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*
>
> *Illi jidher biċ-ċar illi ir-rikorrenti qatt ma kellhom interess li jimxi skont il-liġi dwar il-kumpaniji u infatti naqsu milli jissottometti dokumenti mandatorji mar-Reġistratur għal numru twal ta' snin minkejja diversi notifiki li kienu jintbagħtu lil kumpanija u l-uffiċjal tagħha. Ir-rikorrenti njoraw ukoll il-multi illi jfakkruhom f'tali nuqqasijiet u qatt ma affettwaw l-pagamenti tal-multi. Illi l- penali fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali kif ukoll tal-kontijiet annwali jammontaw għal* ***EUR 11,589 (****ammont ikkalkulat sad-data tal-preżentata tar-rikors u tali ammont ikun irid jiġi aġġornat sad-data li fihom jiġu sottomessi d-dokumenti).*
>
> *Illi di piu', il- pagamenti pendenti fuq reġistrazzjoni ta' prospetti annwali jammontaw għal* ***EUR 700;***
>
> *Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan ukoll sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjon tiġi rattifikata.;*
>
> *Illi għaldaqstant is-Reġistratur hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tal-1 ta' Marzu 2024, deher l-Avukat Kris Busietta għar-rikorrenti u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat ukoll illi fl-udjenza tal-1 ta' Marzu 2024, ir-rikorrenti ppreżentaw nota (fol 37) b'affidavit ta' **Mario Fava** b'dokumenti annessi (fol 46 sa fol 71).

Rat illi fl-udjenza tad-19 ta' Frar 2025, id-difensur tar-Reġistratur intimat iddikjarat illi l-pendenzi kollha li kellha s-soċjeta' Fuxja Company Limited kienu ġew regolarizzati.

Rat ukoll illi fl-udjenza tad-19 ta' Frar 2025, bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrenti ai termini tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha jgħidu li huma azzjonisti tal-kumpanija **Fuxja Company Limited (C 7541)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fis-27 ta' Lulju 2023.

Jispjegaw li fis-27 ta'April 2023, ir-rikorrenti ġew infurmati li l-intimat Reġistratur kien ser ineħħi l-kumpanija *de quo* minn fuq ir-Reġistru ai termini tal-artikolu 325 tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħidu li b'reazzjoni għal dan ir-rikorrent Mario Fava, fil-kapaċita' tiegħu ta' segretarju tal-kumpanija, permezz ta' ittra datata 22 ta' Ġunju 2023, informa lir-Reġistratur intimat li kien qiegħed isir *updating* tal-kumpanija bl-iskop li tiġi likwidata. Jispjegaw li minkejja l-istess ittra, li ma ntbagħtitx fi żmien xahar, ir-Reġistratur intimat ipproċeda bit-tneħħija tal-kumpanija minn fuq ir-Reġistru.

Isostnu li għandhom kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante li s-soċjeta' *de quo* hija propjetarja ta' numru ta' propjetajiet li ma tixtieqx li jiddevolvu favur il-Gvern ta' Malta.

Fl-affidavit tiegħu, **Mario Fava** jispjega li fit-18 ta' Lulju 1985 hu flimkien ma ħutu, Carmel Josephine Cassar, Andrew Fava, Nicholas Gava u Francis Fava ffurmaw il-kumpanija *de quo*, li kienu kollha azzjonisti fiha b'ishma ugwali u d-diretturi tal-istess kienu Andrew Fava, Nicholas Fava u x-xhud li kien jokkupa wkoll il-karigu ta' Segretarju.

Jgħid li ftit żmien wara, l-kumpanija xtrat biċċa art li kienet sitwata ġewwa Ħal Luqa u dana skont kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott Antoine Agius datat l-1 ta' Novembru 1985. Jispjega li l-kumpanija qatt m'għamlet negozju ieħor u l-unika ass li kellha kienet din il-porzjon art.

Jisjega li maż-żmien Nicholas Fava u Francis Fava mietu u s-sehem tagħhom iddevolva fuq marthom u uliedhom Michaeles Fava, Nicholas

Fava, Silvio Fava u Salvina Fava flimkien ma Michael Fava, Rosemarie Fava u Maria Goretti Fava. Jgħid li Carmel Josephine Cassar biegħet l-ishma tagħha lil uliedha Michael u Donald Cassar.

Jgħid li l-awditur li kellhom kien jieħu ħsieb jibgħat l-kontijiet u l-prospetti tat-taxxa ta' kull sena iżda maż-żmien kien seħħ diżġwid bejn l-aħwa u ħadd ma baqa' jagħti każ sabiex jipprovdi l-informazzjoni lill-awditur.

Jispjega li fis-27 t'April 2023, Michaeles Fava sab ittra mingħand l-intimat fejn ġew infurmati li l-kumpanija kienet ser titneħħa minn fuq ir-Reġistru u ħareġ avviż f'gazzetta tal-istess data dwar l-istess. Jgħid li l-indirizz fejn waslet l-ittra msemmija ma kienx għadu abitat u għalhekk damu ma sabuha.

Isostni li għalhekk kienu rrispondew għall-ittra fit-22 ta' Ġunju 2023 u b'reazzjoni għar-risposta r-Reġistratur intimat ta lir-rikorrenti sal-aħħar ġimgħa ta' Ġunju sabiex jirregolarizzaw l-affarijiet tal-kumpanija, iżda din ir-risposta ma rawhiex fil-waqt minħabba li l-indirizz kien ta' post mhux abitat. B'hekk il-kumpanija tneħħiet minn fuq ir-Reġistru.

Isostni li huma għandhom interess li jkun hemm ravvivament tal-kumpanija *de quo* sabiex ikunu jistgħu jiddisponu mill-propjeta' li għad għandha l-istess kumpanija, liema propjeta' ma jixtiequx li tiddevolvi favur il-Gvern ta' Malta.

Jispjega li fil-frattemp qabbdu lis-Sur Alex Mamo bħala accountant li lesta dak kollu li kien hemm nieqes sabiex jiġu sottomess lir-Reġistratur intimat. Isostni li la darba tinbiegħ il-propjeta', huma ser jipproċedu bil-likwidazzjoni tal-kumpanija.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqset mill-obbligi tagħha miegħu li tibgħat kontijiet u prospetti annwali. Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-ligi biex jikkanċella l-kumpanija u għaddiet mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan. Jgħid li din il-Qorti għandha tara

li l-pożizzjoni tal-Kumpanija tiġi regolarizzata qabel ma tgħaddi għar-ravvivament tal-istess.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk <u>membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess</u> li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u <u>l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa</u> biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija Fuxja Company Limited ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilità li kellhom r-rikorrenti illi jirregolarizzaw l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimat. F'dan il-każ, ir-rikorrenti hekk għamlu tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti hija sodisfatta illi jkun xieraq illi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Fuxja Company Limited (C 7541)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** tordna lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Fuxja Company Limited (C 7541)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fir-raba' lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Fuxja Company Limited (C 7541)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrenti.

| | |
| --- | --- |
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |